**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **75/2024**

**NATIONAL INSURANCE BROKERS LIMITED (C 84564)**

**vs**

**VELLA FALZON BUILDING SUPPLIES LIMITED (C 27707)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, sitta u għoxrin (26) ta' Settembru 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba għal dikjarazzjoni illi s-soċjeta' intimata Vella Falzon Building Supplies Limited hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti National Insurance Brokers Limited fis-somma ta' erbgħa u erbgħin elf u disgħa u ħamsin Ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€44,059.38), ridotta fil-mori tal-kawża għas-somma ta' wieħed u erbgħin elf, disa' mija u disa' Ewro u tliet ċenteżmi (€41,909.03), u ordni sabiex jitħallas l-istess ammont dovut mis-soċjeta' intimata lis-soċjeta' rikorrenti, liema talba saret permezz ta' rikors tas-soċjeta' National Insurance Brokers Limited preżentat fid-

disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar 2024 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar 2024, is-soċjeta' **<u>National Insurance Brokers Limited</u>** ippremettiet:

   a. *Illi s-soċjeta' rikorrenti toffri diversi servizzi fosthom dawk relatati ma' bosta poloz ta' assigurazzjoni lil diversi kumpaniji u ndividwi fuq talba tagħhom stess, li fosthom hemm is-soċjeta' intimata Vella Falzon Building Supplies Limited;*

   b. *Illi s-soċjeta' Vella Falzon Building Supplies Limited huma debituri tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' erbgħa u erbgħin elf, disgħa u ħamsin Ewro tmienja u tletin ċenteżmu (€44,059.38), bilanċ minn somma akbar, rappreżentanti ħlas dovut għal servizzi mogħtija lis-soċjeta' intimata mis-soċjeta' rikorrenti;*

   c. *Illi minkejja li s-soċjeta' intimata kienet diversament interpellata sabiex tħallas, hija baqgħet inadempjenti;*

   d. *Illi għalhekk is-soċjeta' rikorrenti għandha d-dritt illi teżiġi li titħallas is-somma ta' erbgħa u erbgħin elf, disgħa u ħamsin Ewro tmienja u tletin ċenteżmu (€44,059.38) u dan apparti l-imgħaxijiet relattivi;*

   e. *Illi fl-opinjoni tas-soċjeta' rikorrenti dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut, u fl-opinjoni tas-soċjeta' rikorrenti l-istess soċjeta' intimata ma għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu u għalhekk il-kawża tista' tiġi deċiża abbażi tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

i. *Taqta' u tiddeċiedi l-kawża abbażi tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe bid-dispensa tas-smigħ;*

ii. *Tiddikjara lis-soċjeta' intimata bħala debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' erbgħa u erbgħin elf, disgħa u ħamsin Ewro tmienja u tletin ċenteżmu (€44,059.38);*

iii. *Tiddikjara u tordna lis-soċjeta' intimata tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' erbgħa u erbgħin elf, disgħa u ħamsin Ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€44,059.38) hekk likwidata, kollox skond kif ġie dikjarat aktar 'il fuq u għar-raġunijiet premessi;*

*Bl-imgħax u bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata, inklużi dawk tal-mandati kawtelatorji intavolati kontestwalment mal-proċedura preżenti.*

**Il-Qorti**

4. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' rikorrenti National Insurance Brokers Limited datat disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar 2024;

5. Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mal-istess rikors, u cioe l-affidavit ta' Antoine Portelli (**Dok R001**), *Statement of Accounts* (**Dok R002**), il-fatturi indikati fl-i*Statement of Accounts* (**Dok R003**), u *Board Resolution* (**Dok R004**), a fol 4 *et seq* tal-proċess;

6. Reġgħet rat id-digriet tagħha stess tat-tnejn (2) ta' Frar 2024 illi permezz tiegħu appuntat il-kawża għas-seduta tal-Ġimgħa, tlieta u għoxrin (23) ta' Frar 2024, b'ordni lis-soċjeta' konvenuta sabiex tidher f'dik il-ġurnata u twieġeb għat-talba tas-soċjeta' attriċi, u, fin-nuqqas, il-Qorti tgħaddi sabiex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi;

7. Rat illi s-soċjeta’ intimata ġiet notifikata bir-rikors ġuramentat u l-avviż tas-smigħ nhar it-tmienja (8) ta’ Frar 2024;

8. Rat in-nota tas-soċjeta’ rikorrenti datata tlettax (13) ta’ Frar 2024 (a fol 42 tal-proċess) illi permezz tagħha informat lil din il-Qorti illi s-soċjeta’ intimata kienet għamlet ħlas akkont, u għalhekk is-soċjeta’ rikorrenti kienet qed **tirriduċi** t-talba tagħha minn erbgħa u erbgħin elf u disgħa u ħamsin Ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€44,059.38) għal wieħed u erbgħin elf, disa’ mija u disgħa Ewro u tliet ċenteżmi (€41,909.03);

9. **Rat in-nota tas-soċjeta’ intimata datata sittax (16) ta’ Frar 2024 (a fol 45 tal-proċess) illi permezz tagħha ammettiet it-talbiet fil-kawża odjerna;**

10. Rat illi, waqt is-seduti tat-tlieta u għoxrin (23) ta’ Frar 2024 u tad-disgħa (9) t’April 2024, il-partijiet talbu differiment għal probabbli ċessjoni;

11. Rat illi, **waqt is-seduta tal-erbatax (14) ta’ Mejju 2024, is-soċjeta’ rikorrenti ippreżentat u qrat nota ta’ ċessjoni rigward is-sorte**, iżda fl-istess waqt il-partijiet talbu differiment sabiex jittransiġu l-kwistjoni tal-ispejjeż;

12. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum sabiex tingħata sentenza dwar l-ispejjeż;

13. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

14. Gialadarba l-mertu tal-kawża ġie sorvolat bl-ammissjoni tas-soċjeta’ intimata għat-talbiet rikorrenti, u eventwalment eżawrit biċ-ċessjoni tas-soċjeta’ rikorrenti tas-sorte kif mitlub, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha <u>limitatament</u> fuq l-ispejjeż ġudizzjarji

tal-kawża odjerna u tal-mandati kawtelatorji ppreżentati kontestwalment mar-rikors promotur;

15. Skond l-Artikolu 223 tal-Kap 12:

> *223. (1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.*
>
> *[...]*
>
> *(3) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra.*

16. Dwar dan l-artikolu rretiniet din il-Qorti kif diversement presjeduta fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Federated Association of Travel and Tourism Agents (FATTA) vs Deutche Lufthansa Aktiengesellschaft et***[1], b'referenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***HLB Falzon & Falzon vs Josette Xuereb***[2]:

> *Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi l-ispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi" (Kollez. Vol XLVIII pI p445; Vol XXXIX pI p340; Vol XXVI pI p173).*
>
> *Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja mal-parti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'danakollu mehlusa ghal*

[1] Rik Ġur Nru 612/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla), S.T.O. Prim Imħallef M Chetcuti, 30 ta' Settembru 2020 (in ġudikat)

[2] Avviż Nru 98/02, Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ P Sciberras, 16 ta' Settembru 2004

> *kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi "l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidherx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha" (Kollez. Vol XLIX pI p190). B'ezemplari din is-sentenza ssemmi l-kaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu l-ebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda sempliciment formali. Hekk insibu a Vol XXXIII pII p55 illi "jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik id-dikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti l-ohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni". Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur.*

17. Fil-każ odjern, għalhekk, din il-Qorti għandha tliet alternattivi quddiemha: (a) tordna illi l-ispejjeż jiġu sopportati mis-soċjeta' konvenuta; (b) tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet; jew (c) tordna illi l-ispejjeż jiġu sopportati, *in toto* jew fil-maġġor parti, mis-soċjeta' rikorrenti;

18. Din il-Qorti rat illi fl-affidavit tiegħu[3], **Antoine Portelli**, wieħed mid-Diretturi tas-soċjeta' rikorrenti, jikkonferma bil-ġurament tiegħu il-fatt illi s-soċjeta' attriċi kkomunikat kemm-il darba mas-soċjeta' intimata sabiex jinġabar il-ħlas dovut, u infatti, sabiex jissostanzja x-xhieda tiegħu, jesebixxi *statement of accounts* datat Diċembru 2023[4], kif ukoll numru ta' fatturi wkoll jappartjenu għal servizzi reżi tul is-sena 2023[5];

19. Għalkemm ma tressqitx prova dwar jekk effettivament is-soċjeta' intimata rċevietx xi *statement of accounts* jew interpellazzjoni oħra għal ħlas, is-

[3] **Dok R001** a fol 4 tal-proċess
[4] **Dok R002** a fol 5 *et seq* tal-proċess
[5] **Dok R003** a fol 7 *et seq* tal-proċess

soċjeta' intimata m'għamlet l-ebda allegazzjoni illi hija ma kinitx konxja tal-fatt illi kien hemm dejn dovut lis-soċjeta' rikorrenti, jew illi kienet f'xi punt irrikonoxxiet illi d-dejn kien dovut. Lanqas ittentat tikkontesta x-xhieda t'Antoine Portelli. Infatti, kien biss fil-mori tal-kawża odjerna illi s-soċjeta' intimata rrikonkoxxiet illi kien dovut ħlas lis-soċjeta' rikorrenti, u dan permezz ta' pagament fil-mori, u bl-eventwali ammissjoni;

20. Konsegwentement, din il-Qorti ma tarax illi l-kawża odjerna ma kinitx waħda meritata, jew illi kienet waħda intempestiva, stante illi jidher illi l-unika punt illi fih is-soċjeta' intimata għamlet xi forma ta' impenn sabiex tibda tissalda d-dejn dovut kien wara illi ġiet ippreżentata l-kawża odjerna;

21. Għaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ispejjeż ġudizzjarji, inklużi dawk tal-mandati kawtelatorji intavolati kontestwalment mal-proċedura odjerna, għandhom jiġu sopportati mis-soċjeta' intimata.

**Decide**

22. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba stante illi ġiet sorvolata;

(ii) **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talbiet rikorrenti stante illi l-mertu ġie eżawrit fil-mori;

(iii) **Tordna** illi l-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandati kawtelatorji intavolati kontestwalment mal-kawża odjerna, jiġu sopportati mis-soċjeta' intimata Vella Falzon Building Supplies Limited.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**